

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

6245/24

VETER 9
FOOD 19
DELECT 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2023)8519 - ST 16974/23 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-14.12.2023 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għal ċertu laħam, prodotti tas-sajd, prodotti tal-ħalib u bajd - <i>Att Delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

1. Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat imsemmi hawn fuq f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a), (c), (d), (e) u (f), tiegħu, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-15 ta' Frar 2024¹.
2. Matul konsultazzjoni ta' silenzju, żewġ delegazzjonijiet indikaw raġunijiet li jistgħu jkunu l-bażi biex issir oġġezzjoni għall-att delegat².
3. Konsegwentement, il-Presidenza inkludiet l-att delegat fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés (Agri - Ikel u Sistemi tal-Ikel) fid-29 ta' Jannar 2024³. Il-Presidenza nnutat li ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata favur l-oġġezzjoni għall-att.

¹ Din l-iskadenza oriġinali ġiet sussegwentement estiża b'xahrejn mill-Parlament Ewropew.

² WK 849/2024.

³ Matul dik il-laqgħa, delegazzjoni oħra indikat l-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.

4. Għalhekk, huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, li ma għandu ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mġarrfa b'dan. Dan jimplika li, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 11a(6) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.
-